

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 713/2010

tad-9 ta' Awwissu 2010

li jemenda għall-133 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-espertazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikoli 7(1)(a) u 7a(5) <sup>(2)</sup> tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-friża ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

- (2) Fis-27 u d-29 ta' Lulju 2010, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi ħames persuni u tmien entitajiet mil-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi.

- (3) L-Anness I għandu għalhekk jiġi emendat kif jixraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,  
Karel KOVANDA  
Aġent Direttur Ġenerali  
għar-Relazzjonijiet Esterni

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

<sup>(2)</sup> L-Artikolu 7a iddaħħal mir-Regolament (KE) Nru 1286/2009 (ĠU L 346, 23.12.2009, p. 42).

## ANNEX

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-annotazzjonijiet li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" għandhom jitħassru:
- (a) Al-Barakaat Wiring Service, 2940, Pillsbury Avenue, Suite 4, Minneapolis, Minnesota 55408, USA;
  - (b) Barakaat Boston, 266, Neponset Avenue, Apt. 43, Dorchester, Massachusetts 02122-3224, USA;
  - (c) Barakaat Construction Company, PO Box 3313, Dubai, UAE;
  - (d) Barakaat International, Inc., 1929, South 5th Street, Suite 205, Minneapolis, Minnesota, USA;
  - (e) Barakaat Wire Transfer Company, 4419, South Brandon Street, Seattle, Washington, USA;
  - (f) Parka Trading Company, PO Box 3313, Deira, Dubai, UAE;
  - (g) Somali International Relief Organization, 1806, Riverside Avenue, 2nd Floor, Minneapolis, Minnesota, USA;
  - (h) Somali Network AB, Hallybybacken 15, 70 Spanga, Sweden.
- (2) L-annotazzjonijiet li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandhom jitħassru:
- (a) Abdul Hakim Mujahid Muhammad **Awrang** (*alias* (a) Abdul Hakim Mojahed, (b) Abdul Hakim Mujahid Moħ Aurang). Titlu: Maulavi. Funzjoni: "mibgħut" Taliban għan-Nazzjonijiet Uniti matul ir-reġim Taliban. Via Col. Id-distrett ta' Dehbori Ward f'Kabul, l-Afganistan. Data tat-twelid: 1956. Post tat-twelid: Ir-raħal ta' Khajakhel fid-distrett ta' Sharan fil-provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. Ċittadinanza: Afgan. Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 106266. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.1.2001.
  - (b) Abdul Samad **Khaksar**. Titlu: (a) Mullah, (b) Maulavi. Funzjoni: Deputat Ministru (Sigurtà) tal-Affarijiet Interni tar-reġim Taliban. Via Col. Il-provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Data tat-twelid: bejn l-1958 u l-1963. Post tat-twelid: Kandahar, l-Afganistan. Ċittadinanza: Afgan. Tagħrif ieħor: irrappurtat li miet f'Jannar tal-2006;
  - (c) Muhammad Islam **Mohammadi**. Funzjoni: Gvernatur tal-Provinċja ta' Bamiyan (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. Data tat-twelid: bejn l-1953 u l-1958. Post tat-twelid: id-distrett ta' Rori-Du-Aab, il-provinċja ta' Samangan, l-Afganistan. Ċittadinanza: Afgan. Tagħrif ieħor: irrappurtat li miet fl-2007;
  - (d) Abdul Satar **Paktin** (magħruf ukoll bħala (a) Abdul Sattar Paktis). Titlu: Doctor. Funzjoni: (a) Dipartiment tal-Protokoll, Ministru tal-Affarijiet Barranin tar-reġim Taliban, (b) Deputat Ministru tas-Saħħa Pubblika tar-reġim Taliban. Via Col. id-distrett ta' Charkh fil-provinċja ta' Logar, l-Afganistan. Post tat-twelid: Paktia, l-Afganistan. Ċittadinanza: Afgan. Tagħrif ieħor: arrestat fl-2005 u mibgħut lura lejn l-Afganistan.
  - (e) Abdul Salam **Zaeef** (magħruf ukoll bħala Abdussalam Zaeef). Titlu: Mullah. Funzjoni: (a) Deputat Ministru tal-Minjieri u l-Industriji tar-reġim Taliban, (b) Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzzjarju, l-"Ambaxxata" Talibana, Iżlamabad, il-Pakistan. Data tat-twelid: 1968. Post tat-twelid: Kandahar, l-Afganistan. Ċittadinanza: Afgan. Numru tal-Passaport: D 001215 (passaport Afgan maħruġ fid-29.8.2000). Tagħrif ieħor: arrestat u mibgħut lura lejn l-Afganistan. Mehlu mill-ħabs. Jgħix Kabul sa minn Mejju tal-2007.